

# Il-logħob tan-nar f'Malta: kultura mogħnija b'elementi uniċi

Kitba ta' Stanley Azzopardi

## INTRODUZZJONI

Il-kultura li nbniet madwar il-manifattura tal-logħob tan-nar fil-gżejjer tagħna, hija waħda speċjali. Trid jew ma tridx il-logħob tan-nar hu magħġun fil-ħajja tagħna l-Maltin, speċjalment f'dik li għandha x'taqsam mal-festi tal-irħula u bliet tagħna.

### L-imħabba tiegħi lejn il-logħob tan-nar

Niftakar li bħala abbati kont nipparteċipa fil-purċissjoni tal-festa tal-patruna tar-raħal tiegħi, il-festa ta' Santa Venera VM. Nistqarr li dak iż-żmien il-ħoss tal-kaxxa nfernali kien jimpressjonani. Biex inkompluha, is-sjuf tat-tfulija tiegħi kienu mżewqa b'ħarġiet ma' ommi, missieri u ħija sabiex naraw u nesperjenzaw puriċssjonijiet oħra barra r-raħal tagħna. Hawnhekk l-istagħġib għal dawn il-ħsejjes kompla jitkattar tant li nbidel f'kurżità. Matul iż-żmien bdejt negħleb din il-kurżità bit-tagħlim, sew rigward il-manifattura per se iżda wkoll rigward ħafna oqsma oħra li huma direttament u indirettament relatati mal-manifattura tal-logħob tan-nar.

Maż-żmien iltqajt ma' diversi persuni li bħali, għandhom imħabba lejn dan il-qasam u b'fortuna kbira wħud minnhom aċċettaw li jaqsmu t-tagħlim u l-esperjenzi tagħhom miegħi. Dan kollu wassal sabiex avvanzajt fl-istudji universtitarji tiegħi u ktibt teżi fuq l-implementazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà komuni fil-kmamar tan-nar Maltin.

Filwaqt li kien għaddej dan kollu għamilt ħbiberija ma' persuni barranin li jimmanifatturaw il-logħob tan-nar, koreografi ta' spettakli ta' logħob tan-nar u esperti tekniċi. Waqt li kont (u għadni) niddiskuti magħhom, għaraft diversi elementi fil-qasam tal-logħob tan-nar lokali li nistgħu insejħulhom bħala uniċi. Għaldaqstant sabiex wieħed jifhem, jien għaqqadt dawn l-elementi fi grupp hekk kif imiss: proċessi u teknika waqt il-manifattura, il-logħob tan-nar bħala oġġetti t'artiġjanat, tradizzjonijiet annwali, il-ħruq tal-logħob tan-nar waqt il-festa, ta' min huma l-kmamar tan-nar u il-lessiku.

## PROĊESSI U TEKNIKA

### Ftit Storja

Bħal ma nafu, matul iż-żminijiet il-ħajja soċjali u ekonomika ta' pajjiżna avvanzat mal-progress li kienu jġibu l-ħakkiema militari. Dan ukoll fit-teknoloġija li f'dawk iż-żminijiet rat it-tkabbir fl-użu tal-porvli għal skopijiet militari. Għaldaqstant insibu li l-Maltin kienu saru familjari ma' din l-invenzjoni alkemika. Il-porvli sab l-użu tiegħu fil-logħob tan-nar u dan insibuh lejn l-aħħar tas-seklu dsatax fil-manifattura u ħruq tal-maskli. Fil-bidu tas-seklu għoxrin, mgħallmin Sqallin kienu nġiebu pajjiżna mid-dilettanti tal-festi sabiex jaħdmu l-logħob tan-nar f'pajjiżna stess. Minn hawnhekk 'il quddiem naraw li l-Maltin fehmu bis-sew kif kienu qegħdin jinħadmu l-murtali fuq l-istil Taljan (l-istil ta' murtali f'forma ta' ċilindru) minn dawn l-Isqallin, tant li bdew jinħadmu murtali tipikament Maltin. Filwaqt li naraw ukoll li l-Maltin fehmu ukoll l-istil Ġappuniż (murtal f'forma ta' ballun magħruf bħala hanabi), ninnutaw li l-livell miksub għadu ma laħaqx dak li qiegħed jiġi manifatturat fil-Ġappun. Madanakollu titjib sar u bil-bosta, tant li naraw murtali ta' blalen immuntati u blalen b'ċentrijiet bil-forma.

**Il-faħam:** Ħafna mill-faħam li jintuża għall-manifattura tal-logħob tan-nar f'Malta jinħadem miż-żkuk miżbura tas-siġar tad-dwieli (iż-żerġun). Bħala prodott agrikolu d-dwieli huma siġar komuni u peress li l-bdiewa ma jkollhomx aktar użu għal dawn iż-żkuk, id-dilettanti tan-nar, bejn ix-xhur ta' Jannar u Frar jieħdu ħsieb jiġbru dan il-prodott li ma jiswihomx flus u li sa ċertu punt huwa abbundanti. Wara li jinġabru dawn iż-żkuk jitħallew jinxu sa nofs is-sena u mbagħad jiġu pproċessati f'faħam. Il-fabbriki tan-nar lokali żgur li m'għandhomx il-budget finanzjarju biex jimmanifatturaw il-faħam bħalma jagħmlu fabbriki barranin. Għaldaqstant, filwaqt li l-proċess li jużaw il-fabbriki Maltin hu wieħed sempliċi u bl-inqas teknoloġija possibli, il-Maltin tgħallmu sew din it-teknika u sena wara sena jirnexxilhom jimmanifatturaw faħam mill-aqwa.

**Il-Porvli:** L-uniċità tal-porvli ġej mill-fatt li kull fabbrika tan-nar f'Malta, timanifattura l-porvli tagħha stess skont il-metodu u t-tagħlim li akkwistat matul iż-żmien. Dan jikkuntrasta bi kbir il-qafas internazzjonali, fejn il-manifatturi barranin, jixtru l-porvli lest minn manifattur speċjalizzat. Aktar minn hekk peress li d-dilettant tan-nar lokali jimanifattura l-porvli tiegħu stess dan jippermetti li jsir tibdil fil-volumi bażiċi tal-porvli (75% Nitrat tal-Putassju, 10% Kubrit u 15% Faħam) u tibdil fil-proċess ta' kif jinħadem dan il-prodott, sabiex iwassal għal tipi differenti ta' porvli li jintużaw għal xogħolijiet partikoli bħal ngħidu aħna l-porvli għall-qsim u porvli għat-tiri.

**Mistura:** Mal-milja taż-żmien il-Maltin żviluppaw u pperfezzjonaw is-sistema tal-immisturar tal-beraq. Waqt il-proċess tal-immisturar naraw li taħlita speċjali ta' porvli, tiġi magħġuna u kwantità żgħira minn din l-għaġna tintuża sabiex timtela toqba li tkun saret apposta fil-ġenb tal-iskartoċ tal-beraq. Dan il-proċess ippermetta sabiex ġew żviluppati diversi stili ta'murtali tal-beraq fosthom il-murtali tal-ħsejjes u l-beraq pront.

**L-istivar taċ-ċrieki:** Il-murtal tal-kulur magħruf bħala taċ-ċrieki hu xempju t'artiġjanat lokali mill-aqwa li jpoġġi fil-prattika liġijiet tal-fiżika. Personalment assistejt għal diversi tekniki ta' kif jiġu stivati ċ-ċrieki u nemmen li fid-diversi kmamar jintużaw aktar u aktar tekniki; għaldaqstant l-uniċità ta' dan ix-xogħol.

**Iċ-ċentrijiet:** Iċ-ċentrijiet fil-qalba tal-murtal huma maħsuba sabiex isebbħu u jgħaqqdu aktar l-effett finali tal-murtali. L-innovazzjoni u l-uniċità fiċ-ċentrijiet insibuha kemm fil-murtali tal-kulur kif ukoll f'dawk tal-beraq.

**Il-Qsim u l-użu tad-daqqiet:** It-teknika tal-qsim tal-murtali wkoll tista' tiġi kkunsidrata bħala xi ħaġa unika għal gżejjer tagħna. Filwaqt li l-użu tal-porvli (li diġà minnu nnifsu għandu valur ta' uniċità) ġie assimilat ferm fil-prodott lokali, dan nistgħu ngħiduh ukoll għad-daqqiet. Il-Maltin tant saru rinomati f-użu tad-daqqa, (taħlit apposta li jintuża sabiex jitqawwa l-effett tal-porvli waqt il-qsim) li saħansitra nsibu riferenza għal dan il-fatt f'diversi kitbiet u pubblikazzjonijiet.

**It-twaħħil tal-lazz fil-ġenb tal-iskrataċ tal-imsielet u bukketti:** Il-Maltin, b'sens qawwi ta' innovazzjoni, dejjem ħarsu 'l quddiem sabiex itejbu l-prodott finali. Skont l-istil Taljan il-lazz tal-bukketti li jintużaw u jitpoġġew fil-murtali, dejjem jitwaħħal fin-naħa ta' fuq tal-iskartoċċ. Il-Maltin bdew iwaħħlu dan il-lazz fil-ġenb tal-iskartoċċ. B'hekk wieħed ikun qiegħed ikabbar iċ-ċans ta' qsim aħjar u aktar unit.

**L-immuntar ta'murtali:** Għalkemm naraw immuntar ta' murtali minn piroteknici Taljani u Amerikani , dan l-aħħar bdejna nosservaw tekniki ġodda u uniċi li ffrankaw ħafna tbatija lill-manifattur Malti. Dan filwaqt li nżammet kwalità għolja tal-prodott finali.

## IL-LOGĦOB TAN-NAR BĦALA OĠĠETTI TA' ARTIĠJANAT

### Il-murtali

Għalkemm il-murtali huma ġejjin mill-istil Taljan, u minn barra l-murtali forsi jkunu jidhru l-istess bħal dawk Taljani u Amerikani, teżisti differenza fundamentali fejn tidħol il-kumplessità u l-preċiżjoni tal-murtali Maltin. Qiegħed nirreferi sew għall-murtali tal-beraq u sew dawk tal-kulur.

**Il-murtali tal-beraq:** Logħob uniku li nsibu fil-murtali tal-beraq huwa ġej mid-diversi tekniki ta' *timings* tal-mistura tal-beraq li jikkmandaw meta għandu jfaqqa' l-beraq. Minnhom dawn ġew żviluppati l-murtali tal-ħsejjes, tal-logħob, tal-kwartijiet u il-pront. Aktar minn hekk il-murtali tal-beraq jiġu mżewqa f'kuluri differenti ta' taħlit tal-beraq kif ukoll ċentrijiet lixxi jew anke b'disinji bħal slaleb, stillel u *smileys*.

**Il-murtal tal-kulur:** Il-murtal tal-kulur huwa eżempju ieħor tal-uniċità tal-logħob tan-nar lokali. Id-diversi logħob biċ-ċrieki li naraw jinħarqu fil-murtali u anke t-tfassil preċiż tal-*burning rate* tal-istilla huwa eżempju ta' dedikazzjoni u kilba għall-preċiżjoni.

### Il-logħob tan-nar tal-art

Imkien fid-dinja ma ssib il-kumplessità u l-innovazzjoni fil-logħob tan-nar tal-art daqs kemm insibu fil-gżejjer tagħna. Dawn l-opri tant ikkumplikaw irwieħhom li l-barranin saħansitra jirreferu għalihom bħala *machines* (magni).

## TRADIZZJONIJIET ANNWALI

### Ir-ritratt tradizzjonali

Kull sena d-dilettanti jagħmlu mezz sabiex jinġibed ritratt ta' rikordju tal-murtali li jkunu nħadmu matul dik is-sena. Jidher li filwaqt li dan ilu jseħħ sa mill-bidu tas-seklu 20, dan rari ssibu b'din il-pompa kollha barra minn xtutna.

Għal dan kollu jidher li hemm ritwal mhux miktub li jiġġedded kull sena. Il-murtali l-kbar jitpoġġew għan-nofs, filwaqt li dawk iżgħar u xi biċċiet tan-nar tal-art jitħallew għal quddiem. Fuq wara kultant insibu wkoll ritratt tal-qaddis jew bandiera tal-każin. Ma jonqsux ukoll id-dilettanti li kburin, jintefgħu jippużaw max-xogħol li jkunu produċew b'tant dedikazjoni.

### It-tiżjin tal-murtali

Huwa fatt magħruf li bħala prodott lest, il-murtali jiġu jixbhu lil xulxin. Għaldaqstant sabiex ma tinħoloqx konfużjoni d-dilettanti jieħdu ħsieb sabiex jimmarkaw dawn il-murtali. Mal-milja taż-żmien, minn sempliċi marka, bdejna naraw il-murtali jiżżejnu bl-aktar mod artistiku, ikkulurit u oriġinali. B'mod mill-aktar mhux maħsub inħoloq fattur ieħor innovattiv relatat mal-logħob tan-nar Malti.

## IL-ĦRUQ TAL-LOGĦOB TAN-NAR

### L-iskeda tal-ħruq

Fl-ambjent tal-Festa il-logħob tan-nar jinħaraq fi ġranet u f'ħinijiet partikolari li ħafna minnhom huma direttament relatati mal-attivitajiet reliġjużi tal-festa. Għaldaqstant insibu li l-liġijiet ġew addatti b'tali mod sabiex jippermettu li dan kollu jseħħ b'mod regolari u ordinat.

## Is-sekwenza tal-ħruq

Is-sekwenza tal-ħruq fiha tradizzjoni kbira. Kull ħarqa tibda u tispiċċa bil-murtali tal-bomba u bejniethom jinħarqu l-murtali tal-beraq u l-kulur. Il-kaxxi nfernali normalment jinħarqu waqt il-ħruġ tal-vara minn niċċa, waqt il-ħarqa ta' filgħaxija tat-Tridijiet, waqt it-Translazzjoni, waqt il-ħarqa ta' lejliet il-festa u waqt il-ħarqa tal-purċissjoni. Normalment l-akbar kaxxi nfernali jinħarqu waqt il-ħarqa ta' lejliet il-festa u waqt il-purċissjoni. Tradizzjonalment il-kaxxi nfernali jinħarqu jew qabel jew wara l-murtali, u dan skont il-ħarqa li tkun qiegħda ssir.

Eżempju ieħor ta' elementi uniċi u tradizzjonali hija s-sekwenza ta' kif jinħarqu l-murtali, fejn normalment il-ħarqa tibda billi jinħarqu l-iżgħar murtali u mal-ħin jibdew jinħarqu murtali akbar u aktar ikkumplikati. Dan għajr għall-ħarqa tal-bidu tal-purċssjoni fejn hawnhekk naraw li l-akbar murtali jinħarqu fil-bidu tal-ħarqa.

Insibu wkoll li hemm sekwenza tradizzjonali ta' kif jinħarqu l-murtali ta' lejliet il-festa. Hekk kif imiss:

1. Bombi u/jew lampjun
2. sfejjer
3. blalen
4. murtali tal-beraq
5. murtali tal-kulur
6. qasmiet jew blalen kbar
7. kaxxa nfernali
8. bomba u/jew lampjun

F'dan kollu nsibu fattur interessanti li joħloq kuntrast enormi mal-mod li bih jinħaraq il-logħob tan-nar barra minn xtutna. Esperti fil-piroteknika barranin jissuġġerixxu illi sabiex l-attenzjoni tal-udjenza tinżamm fuq livell għoli, waqt spettaklu pirotekniku wieħed għandu l-ewwel jibda jaħraq il-murtali tal-kulur u jħalli l-murtali tal-beraq (li jagħmlu aktar ħoss u dawl) lejn l-aħħar. Għaldaqstant anke hawnhekk naraw li l-Maltin ħolqu sistema għalihom ta' kif jinħarqu l-murtali.

## Is-Salut

Il-ħruq tas-salut huwa element ieħor ta' interess. Dan normalment jinħaraq fil-ħruġ tal-vara minn niċċa, waqt it-Translazzjoni u waqt il-ħruq tal-Purċissjoni. Jidher li t-tradizzjoni relatata mas-Salut bdiet fis-snin 60 fejn ġie kkupjat is-salut bil-kanuni lir-Reġina tal-Ingilterra.

## TA' MIN HUMA L-KMAMAR TAN-NAR

Insibu li fil-bidu tas-seklu 20,il-kilba sabiex jinħadem il-logħob tan-nar kibret b'mod mgħaġġel ħafna. F'dawk iż-żminijiet gruppi żgħar ta'nies kienu jimmanifatturaw il-logħob tan-nar 'l hemm u 'l hawn u qajla kont issibhom jaħdmu f' post tan-nar illiċenzjat. Aktar minn hekk dawn il-gruppi ta' nies ma kinux iffurmati taħt xi kumitat u/jew każin. Numru ta' inċidenti, uħud minnhom b'konsegwenzi koroh, fissru aktar liġijiet li jikkontrollaw kif, fejn u minn min tista' ssir il-manifattura. Dawn il-liġijiet ġodda kienu nponew livelli aqwa ta' *management* u b'hekk ħafna minn dawn il-gruppi ngħaqdu f'kumitati taħt il-patroċinju tal-każini. Dan fisser aktar sigurtà għal dawk li kienu qed jaħdmu l-logħob tan-nar u aktar sigurtà għal terzi.

Il-fattur uniku huwa illi illum il-ġurnata ħafna mill-kmamar tan-nar huma propjetà tal-każini u mmexxija fuq bażi volontarja. Id-dħul finanzjarju ta' dawn il-kmamar jiġi minn donazzjonijiet, reklamar, attivitajiet soċjali u bejgħ ta' logħob tan-nar lil festi oħra. Filwaqt li nsibu xi kmamar li huma ta' propjetà privata, l-operat tagħhom xorta waħda huwa direttament relatat mal-festi tal-irħula.

## IL-LESSIKU

F'dan l-artiklu jidhru diversi kliem tekniċi li jirrefru għal elementi relatati mal-logħob tan-nar. Ninnutaw li fis-snin li għaddew kliem bħal 'berqa' u 'beraq' sabu ruħhom fl-*Encyclopedia of Fireworks* li kien ippublikat mill-kopja Amerikana Ken u Bonnie Kosankie. Aktar minn hekk, fis-sena 2015 Carlston Grima ppreżenta studju soċjolingwistiku fl-Università ta' Malta fejn irnexxielu jiġbor madwar 1200 kelma bil-Malti li jiddeskrivu materjal, xogħol, proċessi, għodda u attivitajiet relatati mal-logħob tan-nar. Il-fatt li għandna il-kliem u l-lingwa tagħna, hu fattur ewlieni ta'uniċità f'dan il-qasam.

## TMIEM

Filwaqt li ninnota li dan li ktibt hawn fuq inġabar mill-esperjenza tiegħi f'dan il-qasam, jista' jagħti l-każ li hemm aktar elementi li għandhom valur uniku u intanġibli; f'dan is-sens inħeġġeġ aktar diskussjoni fuq dan is-suġġett.

# B'ĦIDMITNA NFAĦĦRUK

Ta' kull sena l-ħidma tagħna
Issebbaħ sew tal-festa l-jum
Iżżid il-ġmiel ta' din il-festa
Ta' San Nikola l-Padrun.

Jisbaħ il-jum bil-ħsejjes tagħna
Mad-daqq tat-Tmienja t-Tridijiet
F'Nofs in-nhar u filgħaxija
Ilhom lesti t-tħejjijiet.

Miġburin fix-xhur tas-sena
Kulħadd jaf dak li għandu jsir
Sabiex waqt il-jiem tal-festa
Lil San Nikola ntuħ tifħir.

Minn ġol-Pjazza n-anr jintlemaħ
Kulħadd jistenna l-ħin isir
Sabiex jara ix-xogħol tagħna
Żgur li dan jieħu pjaċir.

Jasal jum lejliet il-Festa
Programm li jiġbed l-attenzjoni
Huwa dak tan-nar jinħaraq
Waqt il-ħin tat-translazzjoni.

Is-salut fil-għoli jitla'
Tal-ħsejjes il-murtali kbar
Beraq żgħir fi ċrieki jiftaħ
Kollox nħadem mill-aħjar.

Wara l-Programm tal-Baned Tagħna
Programm ieħor ippreparat
Biex jinħaraq u jitgawda
Bosta nies min kull naħat.

Għal tal-Kulur magħrufin sewwa
Lejliet il-festa programm kbir
It-tislima tagħna hija kbira
Lill-Padrun nagħtu tifħir.

Meta n-nar tal-art jinħaraq
F'nofs il-Pjazza sew armata
L-attrazzjoni prinċipali
Bil-kulur tan-nar il-faċċata.

F'Jum il-Festa nerġgħu nuru
Il-ħila tagħna b'ħafna xogħol
Kemm filgħodu u flgħaxija
Nikola l-għaxqa lkoll.

Ir-raħal tagħna huwa uniku
Għandu festa singulari
Għaliex mal-Pjazza hija rotta
Tal-istatwa titulari.

Viva l-Għaqda tan-Nar tagħna
Għal Padrun taħdem qatih
Sabiex waqt il-festa tiegħu
Tagħmel nar tassew sabiħ.

**Mario Fenech**
**02/05/2016, Sliema**